# Kappelli fil-Marsa

Fuq l-art tal-Marsa bħal fi bliet u rħula oħra Maltin, barra ż-żewġ Knejjes Parrokkjali, dik tat-Trinità u dik ta' Marija Reġina, nsibu knejjes żgħar jew kappelli mxerrdin mal-limiti kollha tal-Marsa. Kull waħda għandha l-istorja tagħha u għalhekk se nagħtu xi ftit tagħrif fuq kull waħda minnhom.

## SANTA MARIJA TA' ĊEPPUNA

L-eqdem knisja li nsibu mibnija fuq l-art tal-Marsa hija dik tat-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija jew aħjar kif nafuha aħna, Santa Marija "Ta' Ċeppuna". Din tinsab mibnija wara l-korsa taż-żwiemel il-ġdida jew kif nafuha aħna f'nofs *il-Marsa tal-Ingliżi*. Il-knisja li hija waħda mill-hafna kappelli li nsibu fil-kampanja ta' Malta, hija antika ħafna. Qabel ma l-Marsa saret Parroċċa kienet tagħmel mal-limiti ta' Ħal-Qormi, kif fil-fatt kienet tagħmel l-biċċa l-kbira ta' l-art tal-Marsa għal sekli sħaħ. Il-Knisja ġiet mibnija fuq qasam magħruf sa minn żminijiet imbegħda, bħala "Ta' Ċeppuna" li tfisser, skond Annibale Preca – ħaġa moħbija fid-dlamijiet. Iżda Erin Serracino Inglott jgħid, li



*Il-kappella ddedikata lill-Santa Marija ta' Ceppuna.*

tfisser post fejn dari kienu jorbtu l-bhejjem ta' l-irkib jew tal-ġarr. Kif jgħid dan l-awtur u storiku, jista' jkun għaliex irridu niftakru li l-baħar kien jidħol aktar il-ġewwa milli huwa llum u għalhekk dan il-post kien aktar qrib lejn ix-xatt fejn minn hemm kienu jġorru n-nies u t-tagħbija lejn il-kapitali l-qadima l-Imdina.

Il-bidu tal-knisja mitluf fl-istorja, għalkemm il-kommendatur Ġian Franġisk Abela fid-*"Descrizione De Malta"* jgħid li kienet ġa nbniet fl-1489. Il-kittieb Achille Ferres fil-ktieb tiegħu *"Descrizione Storica della Chiesa di Malta e Gozo"*, meta jirreferi għall-Knisja ta' Santa Marija ta' Ċeppuna, jgħid li għandha mill-1500 daqs dik ta' Santa Marija tal-Blat. Meta nbniet l-art tal-Marsa, kienet taħt in-nobbli Giovanni De Nava u l-eredi tiegħu. Fis-sena 1575 meta Mons. Pietro Dusina, bħala delegat u viżitatur appostoliku għamel vista tiegħu fid-djoċesi, wara li għamel żjara lil din il-Knisja kiteb hekk fir-rapport tiegħu: *"Chiesa della Beata Vergine Assunta detta Ta' Ċappuna posta nell territorio della Marsa."* Fl-1780 nsibuha miktuba fil-katalgu tal-knejjes u kappelli fejn kienet f'idejn il-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann u b'hekk kienet proprjeta tal-Gvern kif għadha sal-lum.

Fid-diskrizzjoni tal-funeral ta' l-ewwel Gran Mastru ta' Malta, Phillippe De Villieres de l'Isle Adam, li sar fit-23 ta' Awissu, 1534, mir-Rabat għall-Birgu, nsibu li l-katavru tiegħu ġie mqiegħed għal ftit siegħat fil-knisja tal-Marsa fejn wara ġie mgħobbi fuq barkun u ttieħed il-Birgu. Fl-aħħar gwerra xi bombi waqgħu qrib il-knisja u ġarbet xi ħsarat. Fil-fatt ġiet imsemmija fir-rapport tal-ħsarat ta' bini storiku, u wara l-gwerra ġiet restawrata. Din il-knisja ċkejkna ukoll sarulha xi rest-awrazzjonijiet fil-kwadri tagħha. Din il-knisja nsibuha dejjem taħt it-titlu ta' l-Assunta jew kif nafuha l-Maltin dik ta' Santa Marija, ħlief l-istoriku Barun, li jsibha bħala l-Lunzjata. Fiha artal wieħed tal-ġebel u magħha kienu żiedu sagristija. Kellha ukoll zuntier żgħir quddiemha. Għalkemm ġiet abbandunata sas-seklu tagħna, kienet għada tiffunzjona u taqdi l-ħtiġijiet spiritwali ta' abitanti ta' dawk l-inħawi. Din tinsab f'idejn il-Gvern u hawn inħoss li għandha titqajjem kuxjenza biex post storiku ta' 500 sena jiġi restawrat u mħares kif jixraq.

## IL-MADONNA TAL-GRAZZJI – "TA' ĊEJLU"

Ma l-iżvilupp ta' Portu Novu li kien sar fi żmien il-Gvernatur Le Marchant fil-1860 'il quddiem il-popolazzjoni tal-Marsin mal-ftit bdiewa u sajjieda li kien hawn bdiet tiżdied

bil-mod il-mod. L-avukat Giuseppe Zammit li kellu l-art fin-naħa magħrufa bħala "Ta' Ċelju", fil-parti kennija tal-Port, fl-1870 bena minn flusu l-knisja dedikata lill-Madonna tal-Grazzji. L-irħama li hemm ġewwa din il-knisja, ħdejn il-bieb ta' barra, tixhed dan.



*Il-faċċata tal-kappella imsejħa "ta' Ċejlu".*

Il-knisja "Ta' Ċelju", għax kulħadd hekk jafha, hija fuq stil barokk, b'koppla u żewġ kampnari li fihom hemm imdendlin sett ta' qniepen. Hija mimlija b'skultura tassew sabiħa u l-kwadru titulari jirrappreżenta lill-Madonna b'binha Ġesù fuq it-tron imdawra bl-anġli qed ixxerred il-grazzji. Dan huwa xogħol tal-pittur Vella. Il-Knisja fiha artal maġġur tal-ġebel u artal mejda. Fil-Knisja hemm diversi statwi fosthom; tal-Madonna tal-Grazzji, id-duluri, San Ġużepp, Tat-Trinità w oħrajn. Mal-knisja nsibu sagristija kbira u post fil-ġenb tagħha, li nbejna biex ir-rettur tagħha ikun jista' joqgħod.

Fl-1890, ma' l-inħawi tal-knisja kien hemm popolazzjoni ta' 620 ruħ. Il-knisja ġiet imżejna bl-armar kollu li tinħtieġ għall-funzjonijiet kollha. Kienet ix-xewqa tal-benefattur tagħha u ta' l-abitanti tal-Marsa li din il-knisja tkun indipendenti mill-Parroċċi l-oħra u ssir parroċċa tagħhom. Iżda minħabba li mhix kbira w Alla fil-Provvidenza Tiegħu provda benefatturi oħra aktar 'il quddiem biex inbniet il-Knisja tat-Trinità, ix-xewqa tagħhom qatt ma seħħet. Il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzji kienet imfittxija wisq mill-Marsin, għaliex kienet l-unika knisja viċin tagħhom u b'hekk kienu jgħaqqdu l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom fiha. Il-Knisja li tinsab faċċata tal-baħar f'Xatt il-Knisja, kienet taħt il-ħarsien tal-kleru djoċesan iżda fil-21 ta' Ġunju 1958, ġiet magħmula Knisja Uffiċjali tal-*Appostolat tal-Baħar* taħt id-direzzjoni tal-R. P. Giuseppi Scalpello O.F.M. u baqgħet tiġi mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu – li tant jieħdu ħsiebha. Fiha jsiru l-funzjonijiet reliġjużi kollha u hija ta' barka għall-ħaddiema li jaħdmu qrib, kemm ħaddiema tax-xatt u kif ukoll ħaddiema li jaħdmu fil-*Power Station*.

## IL-QALB TA' ĠESÙ

Din il-kappella tinsab int u sejjer Raħal Ġdid fil-post magħruf bħala "Albert Town" (jew kif nafuh aħna "il-Belt il-Ġdida"). L-aħwa Zammit xtaqu jibnu belt ġdida fejn qabdu lill-Perit Ovidio Doublett jagħmel pjanta u fit-22 ta' Lulju, 1875, ġiet imqiegħda l-ewwel ġebla b'ċerimonja solenni u pompi kbar. Fiha kienu ħadu sehem personalitajiet distinti ta' Malta. Iżda x-xewqa tagħhom ma seħħitx għaliex Albert Town, li ismu ħadu għar-raġel tar-Reġina Vittorja, baqa' bi ftit abitanti. Qabel kien qalb ir-raba' u llum jinsab imdawwar b'għadd ta' fabbriki u l-Marsa Dock Yard.

Hekk kif spiċċat it-tieni Gwerra Dinjija, l-kappillan P. Renat Spiteri OFM Cap, ġieh il-ħsieb li jibni kappella għan-nies tal-inħawi. Ġara li s-Sur Ġorġ Vigo, negozjant, kien xtaq li jagħmel il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Parroċċa, iżda dan il-kappillan ħajru biex jagħmel opra aktar bżonnjuża milli kellu f'moħħu. B'hekk talbu biex jibni kappella żgħira f'Albert Town. Is-Sur Vigo aċċetta u fl-1946 fetaħ bħala oratorju fejn bdiet tiġi mgħallma d-duttrina għas-subien u l-bniet, kif ukoll għall-kbar mis-soċi tal-Museum. Fir-Randan, tal-istess sena saru l-eżerċizzi mill-Prokuratur P. Salv Scicluna OFM Cap. Dan baqa' jsir għal ħames snin sħaħ sakemm fil-15 ta' Diċembru, 1951, sar il-kuntratt u b'hekk il-kappella ngħatat lill-patrijiet kappuċċini. Irħama li hemm f'din il-kappella tfakkar il-ġenerożità tas-Sur Vigo. Il-kappella



*Il-kappella ta' Albert Town*

hija twila 66 pied tul u 30 pied wisa u hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Meta kien Rettur tal-kappella P. Pelaġju Bilocca OFM Cap. sar tibdil kbir fil-faċċata ta' barra u ta' ġewwa fil-kappella, biex saret aktar moderna. Ġie mtella kampnar wieħed fil-ġenb u minn ġewwa tneħħa l-artal maġġur u sar artal mejda. It-tabernaklu ġie mqiegħed fil-ħajt u saru wkoll xi tibdil ieħor fil-bini biex b'hekk il-kappella saret komda u taqbel mar-riformi tal-Konċilju Vatikan II. Iktar tard saru bosta opri li żejnu din il-kappella fosthom: il-bankijiet u l-antiporta bit-tħabrik tar-Rettur P. Kassjan Tabone OFM Cap. Minn mindu nfetħet sal-lum il-quddies u l-funzjonijiet liturġiċi ma waqfu qatt. Anzi peress li l-kappella tal-Qalb ta' Ġesù hija viċin il-fabbriki u l-Marsa Dock Yard, ġieli ġiet użata għas-servizzi reliġjużi minn xi ħaddiema.

Mhux ta' min iħalli barra l-ħidma siewja tas-sorijet ta' Ulied il-Qalb ta' Ġesù li fil-15 ta' Ottubru, 1952, fetħu dar faċċata tal-kappella biex ikunu ta' għajnuna għan-nies ta' Albert Town. Din kienet ġiet inawgurata mill-Kappillan P. Feliċjan Bilocca OFM Cap. Ta' kull sena, Ħadd fuq il-Qalb ta' Ġesù, issir il-festa f'din il-kappella fejn tinħareġ proċessjoni bis-Sagrament fit-triq prinċipali ta' Albert Town.

## IL-QALB TA' ĠESÙ

Kappella żgħira oħra li hija ukoll iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù tinsab inti u sejjer lejn Ħal-Qormi fi Triq it-Tiġrija, eżatt quddiem il-korsa l-ġdida taż-żwiemel. Qabel saret il-korsa l-antika, l-Maltin u l-Ingliżi kienu jorganizzaw it-tiġrijiet tal-bhejjem fit-Telgħa tas-Saqqajja fir-Rabat, kif kien isir sa minn żminijiet imbegħda. Iżda fl-1869 saret l-ewwel tiġrija tal-bhejjem fil-Marsa, wara li nkisbet l-art li kienet tant fertili u għammiela fil-qasam tar-raba. Minn dak iż-żmien 'il quddiem ma l-irziezet bdew jinbnew ghadd ta' stalel u djar.

Dawn l-abitanti ta' l-inħawi kellhom xi ftit tal-bogħod sa biex jaqdu l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom. Iktar ma għadda ż-żmien iktar bdiet tinħass din il-problema. Kien wara l-gwerra li xi membri ta' l-Azzjoni Kattolika bdew imorru jgħallmu d-duttrina, għalkemm ma kellhomx post fiss. Fil-1957 bit-tħabbrik tal-kappillan P. Feliċjan Bilocca OFM Cap. inkiseb garaxx mingħand is-Sur Pawlu Borg li ġie mikri bi ħlas baxx. Dan il-post ġie rranġat u mibdul f'kappella sabiħa bil-għajnuna ta' diversi benefatturi fosthom is-Sur Karmenu Farrugia. B'hekk il-kappella bdiet isservi għall-kura spiritwali tal-Marsin ta' dik in-naħa, l-aktar għat-tagħlim tal-katekiżmu liż-żgħar u l-kbar.

Fl-1959, meta Mons. Mikiel Gonzi għamel il-vista pastorali fil-parroċċa, ġie mogħti l-permess li jitqaddes fil-Ħdud u l-festi kmandati. Fil-fatt l-ewwel quddiesa saret mill-Kappillan Donat Spiteri OFM Cap. fil-Milied ta' l-istess sena. Meta kien Rettur tal-Kappella Patri Gwido Scicluna, sar ħafna xogħol biex il-kappella ċkejkna tidher iktar komda u b'hekk taqdi l-ħtiġijiet mhux biss tal-familji ta' madwarha imma ta' tant delettanti taż-żwiemel fiha. Mal-kappella nsibu sagristija żgħira u statwa sabiħa tad-Duluri. Fiha jsiru l-funzjonijiet liturġiċi u hija barka għall-ġid li jsir minnha. Din jieħdu ħsiebha l-patrijiet Kappuċċini u llum taqa' taħt it-tmexxija tal-kappillan ta' Marija Reġina.

## IL-MADONNA TA' L-EWKARISTIJA

Fil-1965, is-Sur Ġorġ Grima, ex-soċju tal-Museum mill-Marsa, waqqaf l-għaqda tal-Fergħa Ewkaristika fil-Marsa. Dan sar b'approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fid-9 ta' Settembru tal-1965. Għal bidu kienu jiltaqgħu f'post Nru. 23 Triq is-Salib tal-Marsa, iżda wara nbena ċ-ċentru Ewkaristiku li jinsab f'din il-kappella ċkejkna u ħelwa. Din tinsab hekk kif tispiċċa Triq il-Pitkali u tibda Triq il-Farfett. Ħafna jsibuha bħala l-kappella tal-Fergħa. L-ewwel ġebla tbierket u tqiegħdet mill-Kappillan P. Diego Thewma OFM Cap. nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 1980. Il-Kappella ġiet uffiċjalment miftuħa mill-Arċisqof Ġiuseppi Mercieca, nhar it-18 ta' Marzu, 1982, lejliet il-festa ta' San Ġużepp. Fil-kappella hemm lapida li tfakkar dan l-avveniment.

Il-Kappella għandha artal wieħed u hija ddedikata lill-Madonna ta' l-Ewkaristija. Il-Kwadru titulari juri lit-Trinità fil-għoli u l-appostli imdawwrin mal-Madonna n-naħa t'isfel. Il-Kwadru hu xogħol il-pittur Alfred Camilleri Cauchi u sar fil-1982, It-Tabernaklu jinsab fi ħdan Marija Santissima, li huwa ċ-ċentru ta' attenzjoni kollha tal-kwadru. Fil-ġenb tal-artal, wieħed fuq kull naħa hemm il-kwadri ta' San Piju X u ta' Santa Kjara li saru fl-1982 mill-istess pittur. Tiegħu wkoll huwa l-kwadru ta' San Ġużepp li jinsab faċċata ta' l-artal. Fil-ġenb insibu sagristija fejn tinsab wkoll statwa ħelwa tal-Madonna ta' Fatima u kwadru tal-Qalb ta' Ġesù. Kull min jidħol f'din il-kappella ċkejkna, iżda sabiħa ħafna, jħossu li ma jkollux aptit li joħroġ minnha. Fiha jsiru ta' spiss quddies, laqgħat u adorazzjonijiet, l-aktar ghal dawk l-imseħbin tal-Fergħa Ewkaristika.

**Paul Dimech**